MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 766/2002

**St Microelectroincs (Malta) Ltd**

**vs**

**Almeco Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tal-ammont ta' (Lm4,207.74) erbat elef, mitejn u seba liri u erba u sebghin centezmu, prezz ta' scrap tal-Metal, lis-socjeta' konvenuta mibjugha u kkonsenjat.

Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament,

b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fid-29 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4207.74,0 bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

--------------------------------TMIEM--------------------------------